# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 4**

**Rikors numru 242/12 RGM**

**Angelle Bezzina**

**v.**

**Rudolf Aquilina**

**Il-Qorti:**

Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-26 ta' Novembru 2015 li permezz taghha dik il-Qorti ipprovdiet dwar l-azzjoni attrici, billi, inter alia: cahdet l-ewwel [1] talba sabiex jigi rivedut il-kuntratt tas-separazzjoni rigwardanti l-manteniment tal-minuri; cahdet il-hames [5] talba ghal revizjoni tal-manteniment b'mod li dan joghla, kif ukoll sabiex

jigu inkorporati fih l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri; iddikjarat li l-mertu tas-sitt [6] talba gie ezawrit stante li l-konvenut hallas l-arretrati kollha minnu dovuti fil-mori tal-kawza u ghalhekk il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dik it-talba;

Mertu

2. Il-partijiet iffirmaw kuntratt tas-separazzjoni datat 18 ta' Mejju 2011. Sorvolati t-talbiet rigwardanti d-dar matrimonjali, l-access ghall-minuri u n-nomina ta' avukat tat-tfal, l-attrici qeghdha titlob varjazzjoni ta' dan il-kuntratt ta' separazzjoni sabiex il-manteniment ghall-minuri pagabbli mill-konvenut ikun jinkludi wkoll l-ispejjez relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll jinkludi l-arretrati dovuti ghal dawn l-ispejjez.

L-Appell

3. L-appell tal-attrici huwa ibbazat fuq zewg aggravji li huma:

4. [A] li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta iddecidiet illi l-mertu tas-sitt [6] talba gie ezawrit peress li l-konvenut kien hallas l-arretrati kollha minnu dovuti fil-mori tal-kawza; u [B] il-fatt li l-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba taghha sabiex il-manteniment pagabbli

mill-konvenut ghal minuri joghla biex jinkludi fih l-ispejjez relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-istess minuri.

5. Ghalhekk, l-attrici qed titlob li din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel talba, il-hames u s-sitt talba, u minflok, tipprovdi li l-ammont ta' edukazzjoni, li diga` kien hemm qbil dwaru fil-kuntratt ta' separazzjoni, jigi inkorporat fil-manteniment u li, in kwantu ghall-arretrati tiddikjara li dawna ghadhom dovuti, filwaqt li tikkonferma l-kumplament tal-istess sentenza, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

6. L-ewwel talba taqra hekk:

> "Tiehu l-passi opportuni biex jigi rivedut il-kuntratt tas-separazzjoni rigward il-manteniment".

7. Il-hames talba taqra hekk:

> "Tordna li jigi rivedut il-manteniment b' mod li dan il-manteniment joghla stante li l-intimat qieghed jirrifjuta li jghaddi l-ammont shih tal-manteniment, barra minnhekk dan il-manteniment joghla sabiex jizdied u li jigu inkorporat spejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri".

8. Is-sitt talba taqra hekk:

> "Tordna lill-intimat sabiex ihallas kwalunkwe arretrati ta' spejjez ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni".

9. Da parti tieghu, il-konvenut ma pprezentax risposta bil-miktub ghar-rikors tal-appell tal-attrici.

Is-Sentenza Appellata

10. Fil-parti relevanti taghha din taqra hekk:

> "**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI.**
>
> "L-attrici qed titlob:
>
> 1. "li jigi rivedut il-kuntratt dwar il-manteniment;
> 2. "li jigi stabbilit il-prezz tas-suq tal-propjeta;
> 3. "li l-konvenut jirrestitwixxi l-effetti mobbili tal-attrici;
> 4. "li tinghata kopja tac-cavetta tad-dar;
> 5. "li jizdied il-manteniment tal-minuri sabiex jinkorpora spejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni tal-minuri;
> 6. "li l-konvenut jigi ordnat ihallas arrettrati ta spejjez skont il-kuntratt;
> 7. "li jigu sospizi is-*sleep overs* tal-minuri u dan fl-ahjar interess taghha;
> 8. "li jigi appuntat avukat tat-tfal.
>
> "Fin-nota ta osservazzjonijiet taghha tal-24 ta' April 2015[1] l-attrici tikkoncedi li bil-bejgh tad-dar matrimonjali li huwa l-mertu tat-talbiet 2, 3 u 4 gie llum ezawrit ghalkemm tenfasizza li kien biss wara li saret il-kawza u xehdu diversi agenti li l-konvenut ceda biex jirriduci l-prezz ghal wiehed reali u tas-suq.
>
> "Lanqas mhu kkontestat li l-manteniment, u arrettrati tal-istess thallsu u li fil-pendenza tal-kawza il-manteniment thallas b'mod regolari (para 10 tal-imsemmija nota Fol. 190 tal-process). Il-kontestazzjoni hi fuq l-ispejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni tal-minuri.
>
> "Skont il-paragrafu 7(e) tal-kuntratt ta' separazzjoni[2], il-partijiet qablu li l-ispejjez ta' mizati tal-iskola, kontribuzzjonijiet, donazzjonijiet, trasport, privatijiet, summer school, spejjez ta' ezamijiet, attivitajiet extra-kurrikulari, uniformijiet u zraben ihallsuhom nofs kull parti, pero'

[1] Fol. 187
[2] Fol. 15

fuq debita ricevuta, u wara li jintlahaq ftiehem bejniethom dwar dawn l-ispejjez.

“Saret riserva fil-kuntratt illi f’kaz ta’ riduzzjoni fid-dhul rispettiv taghhom l-istipulazzjoni kontrattwali fir-rigward tal-ispejjez tal-minuri relatati mal-edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tigi riveduta. Dwar spejjez ta’ sahha. Skont para 7(f) tal-kuntratt mhux mehtieg li jkun hemm ftehim dwarhom minn qabel. Dawn jithallsu bin-nofs skont ir-ricevuta. Fil-paragrafu 9 tal-kuntratt iddikjaraw li decizjonijiet straordinarji dwar l-edukazzjoni u s-sahha ta’ binthom jittiehdu b’mod kongiunt, u jekk ma jaqblux dwar xi decizjoni straordinarja dwar it-tifla, jirrikorru ghad-decizjoni tal-Qorti kompetenti.

“Is-*sleepovers* jissemmew fil-paragrafu 6 (e) tal-kuntratt[3]. Dwar din il-kwistjoni, kif konfermat f’paragrafu 21 tan-nota tal-attrici[4], il-partijiet sabu soluzzjoni, billi fl-interess tal-minuri is-*sleepovers* gew sospizi indefinittivament, wara d-digriet moghti fl-10 ta’ Ottubru 2012.

“Fin-nota ta sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jiddikjara li it-talbiet attrici numri tnejn u erbgha fir-rikors promotur jinsabu llum ezawriti fil-mertu taghhom; li l-konvenut ipprova jgib l-ahjar prezz ghall-bejgh tal-post u dan qabel il-perjodu ta’ hames snin imsemmi fil-kuntratt (terminu li jaghalaq f’Mejju 2016); u dwar it-tielet talba ddikjara li bil-bejgh tal-post illikwidaw dak kollu li kien fadal jigi likwidat. Dwar il-manteniment hu minnha ammess li dan qed jithallas regolarment, u dwar spejjez ta’ sahha u edukazzjoni, il-kuntratt hu car u jghid li dawn jsiru wara li jintlahaq ftehiem bejniethom, ghalhekk l-ewwel u l-hames talba mhumiex legalment giustifikati. Dwar is-sitt talba l-konvenut jissottometti li din mhix decizzjoni li ghandha tiehu din il-Qorti, l-attrici kellha tipprocedi diversament.

“**L-AZZJONI ATTRICI.**

“L-attrici fit-tielet premessa tar-rikors promotur tiddikjara li ghandha diffikultajiet bil-kuntratt ta’ separazzjoni u ghalhekk qed titlob biex dan jigi varjat.

“Jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-12 ta’ Mejju 2001, ghandhom tifla, Thea Maria, li twieldet fit-30 ta’ Lulju 2002 u sseparaw b’kuntratt ippubblikat fit-18 ta’ Mejju 2011.

“Fir-raba’ premessa tar-rikors guramentat l-attrici tiddikjara li l-konvenut mhux qed isegwi l-kuntratt u telenka ghaxar ilmenti li jirreferu ghall-mod kif ghandhom jigu regolati n-negozzjati ghall-bejgh tad-dar matrimonjali, billi l-konvenut ma kienx izzommha ghall-kurrent tan-negozjati tieghu mal-agenti u kompraturi prospettivi, u li l-manteniment jigi rivedut biex jinkorpora l-ispejjez ta’ sahha u

[3] Fol. 13
[4] Fol. 192

edukazzjoni tal-minuri, u dan billi l-konvenut ma kienx qed ihallas dawn l-ispejjez.

"It-talbiet attrici li jirreferu ghall-bejgh tad-dar matrimonjali llum gew superati billi rrizulta li d-dar nbieghet fil-pendenza tal-kawza, u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-konvenut kkonferma li bil-bejgh tad-dar, il-partijiet illikwidaw kull ma kien fadal x'jigi likwidat. Dan qed jigi rilevat referibilment ghat-tielet talba attrici. Ghalhekk ghandhom jigu kkonsidrati biss it-talbiet li jirriferu ghall-minuri cioe' it-talba tal-attrici ghar-revizjoni tal-klawsola kontrattwali fir-rigward tal-manteniment.

"Fil-kuntratt ta' separazzjoni l-partijiet ghamlu distinzjoni bejn manteniment u spejjez li jsiru f'interess tal-minuri. Il-manteniment hu ndikat fil-paragrafu 7(a) tal-kuntratt. Dan gie stabbilit fl-ammont ta' €216.00 fix-xahar, jieqaf automatikament meta l-minuri taghalaq tmintax-il sena, jew tibda tahdem, skont is-subinciz (b) jigi rivedut kull sentejn skont l-indici tal-inflazzjoni.

"Dwar l-ispejjez ta' edukazzjoni tal-minuri, mizati, trasport, privatijiet, uniformijiet, zraben eccetra ftehemu li jithallsu nofs kull parti, skont ir-ricevuti, u wara li jkunu ftehemu dwarhom (para 7 (e)), mentri l-ispejjez dwar s-sahha, dawn ma jirrikjedhux qbil a priori u jithallsu nofs kull parti skont ir-ricevuti. Fil-hames talba l-attrici qed titlob li l-manteniment ghandu jizdied biex jinkorpora l-ispejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni tal-minuri, effettivament qed titlob tibdil tal- paragrafi hawn imsemmija, minnhom patwiti fl-imsemmi kuntratt".

………………………..omissis …………………………………….

"Fil-kas in ezami, ma irrizultatx dik c-cirkostanza eccezzjonali, indipendenti mill-volonta' tal-partijiet li taghmilha impossibbli ghal parti li tonora l-obbligu kuntrattwali minnha assunt fil-konfront tal-parti l-ohra; irrizulta mill-banda l-ohra li l-partijiet kienu dettaljati hafna fil-kuntratt li bonarjament stipulaw tant li iddistingwew bejn manteniment, spejjez ta' sahha u spejjez ta' edukazzjoni tal-minuri, dwar dawn l-ahhar spejjez, qablu li jekk jkollhom riduzzjoni fid-dhul, irrisservaw id-dritt li jirrevedu (proviso tal-artikolu 7 (e)).

"Il-kontestazzjoni rimanenti ta' bejn il-partijiet ghalhekk hi limitata ghat-talba tal-attrici dwar l-ispejjez tal-edukazzjoni tal-minuri, li flok dawn jkun jehtieg qbil dwarhom sabiex kull parti thallas in-nofs taghom, kif jistipula l-kuntratt, il-manteniment ghandu jizdied biex jigu inkorporati dawn l-ispejjez u jigi evitat il-htiega li jkun hemm qbil a priori dwarhom.

"Ikkundrat;

"Apparti l-fatt li dawn l-ispejjez jistghu ivarjaw konsiderevolment minn zmien ghal zmien jekk jigi stabbillit ammont specifiku, dan jista' ikun aktar jew jista' jkun anqas mill-ammont reali.

> "Altrimenti, dwar il-manteniment, hemm qbil bejn il-partijiet li l-arretrati kollha thallsu fil-mori tal-kawza u li issa qed jithallas regolarment. Il-Qorti tissottolinea illi dan ma hux l-istadju tan-negozjati sabiex jigi ppubblikat kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Il-kuntratt gie ppubblikat u kif rajna supra, sabiex il-Qorti tvarja l-istipulazzjonijiet kontrattwali jehtieg il-prova li avverraw post il-kuntratt cirkostanzi li jaghmlua impossibbli li dak kontrattat jigi ezegwit. Irrizulta li fil-kawza odjerna ma jezistux tali cirkostanzi.
>
> "Jekk il-konvenut jerga' jkun moruz fil-hlasijiet minnu dovuti fir-rigward tal-minuri l-attrici ghandha rimedji disponibbli ghaliha sabiex tipprocedi gudizzjarment kontra l-konvenut sabiex tigbor l-ispejjez talvolta dovuti.
>
> "Il-fatt li d-dar nbieghet fil-mori tal-kawza kif ukoll li l-arretrati ta' manteniment dovuti mill-konvenut thallsu fil-mori tal-kawza huma l-prova li l-attrici kienet gustifikata li tistitwixxi l-kawza odjerna. Izda ezaminati akkuratament il-fattispeci partikolari ghal din il-kawza, it-talba attrici biex jigi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni in kwantu jirriferi ghall-manteniment tal-minuri ma timmeritax akkoljiment, billi ma rrizultatx dik ir-raguni, skont il-gurisprudenza kostanti fuq citata li tpoggi parti fl-impossibilita' li tonora u tesegwixxi l-obbligu kuntrattwali minnha assunt".

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

11. L-ewwel ilment tal-attrici jikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti in kwantu l-attrici tikkontendi li mkien mill-provi prodotti ma jidher li l-arretrati kollha gew imhallsa. Tghid li anke l-Qorti fil-parti razzjonali tas-sentenza ghamlet l-osservazzjonijiet taghha dwar il-fatt li l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni kellhom jithallsu. L-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tat-tieni paragrafu ta' 6(e)[5] tal-kuntratt tas-separazzjoni li jghid car dwar x'hiex kien hemm qbil bejn il-partijiet. Tghid,

[5] Huwa fil-fatt il-paragrafu 7(e) li jitratta tali spejjez.

ukoll li l-konvenut ma hallasx l-ammonti dovuti ghas-sahha u edukazzjoni semplicement ghaliex qal li ma jridx ihallashom.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

12. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni illi, "in linea ta' massima, din il-Qorti ta' revizjoni generalment ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Qorti tal-prim istanza. Madanakollu, jekk din il-Qorti jkun jidhrilha li tali apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti jkun talment zbaljat li jekk tali apprezzament jithalla jibqa' in vigore, tkun sejra issir ingustizzja manifesta lil xi parti, allura f'dan il-kaz din il-Qorti, fl-interess tal-gustizzja sostanzjali, ghandha d-dover li ma toqghodx lura u ghandha tipprocedi biex taghmel il-valutazzjoni taghha u cioe` l-valutazzjoni korretta tal-provi akkwiziti fil-process".[6]

13. Permezz tal-ewwel aggravju taghha, l-attrici tillanja minn apprezzament hazin tal-provi in kwantu l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi l-konvenut kien hallas l-arrerati kollha dovuti fir-rigward ta' spejjez edukattivi u ta' sahha fil-mori tal-kawza.

14. Din il-Qorti tibda biex tinnota illi fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti tghid li "Lanqas mhu kkontetstat li l-manteniment, u arrettrati tal-istess thallsu u li fil-pendenza tal-kawza il-manteniment thallas b'mod

[6]App. ***Cassone v. Calamatta*** 29/02/2008

regolari [para.10 tal-imsemmija nota Fol.190 tal-process][7]. Il-kontestazzjoni hi fuq spejjez ta' sahha u ta' edukazzjoni tal-minuri".[8] Izda fil-parti dispositiva tas-sentenza, dwar l-istess spejjez tikkonkludi illi l-arretrati thallsu kollha u li l-mertu tas-sitt talba gie ghalhekk ezawrit.

15. Mill-provi jirrizulta illi skont l-attrici, il-bilanc ta' arretrati dwar spejjez ta' sahha u edukazzjoni li ghandu jhallas il-konvenut sas-6 ta' Jannar 2015 huwa ta' €1,820.25[9] filwaqt illi l-konvenut waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju, tas-16 ta' Jannar 2015 xehed illi ma kinux qed jaqblu fuq €450 spejjez tal-iskola, u jzid jghid ukoll illi huwa kien lest li jhallas jekk jaqblu dwar l-ammont.

16. Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma meqjusa illi ma huwiex minnu illi l-arretrati ta' spejjez pretizi mill-attrici thallsu u li l-mertu tas-sitt talba gie ezawrit, u ghalhekk ser tghaddi sabiex tistharreg tali mertu.

17. Din il-Qorti tinnota illi s-sitt talba tal-attrici hija mfassla b'mod generali hafna, jigifieri ghall-hlas ta' "*kwalunkwe arretrati ta' spejjez ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni*". Il-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet[10] fil-klawsola 7(e) jistipula:

---

[7]Din taqra hekk "10. Illi fil-mori tal-kawza kienuj thallsu arretrati ta' manteniment u l-manteniment sakemm ghada ghaddejja l-kawza qieghed jithallas b'mod regolari."
[8]Pagna 10 tas-sentenza tal-ewwel Qorti. Sottolinear ta' din il-Qorti.
[9]Vide rendikonti pprezentati mill-attrici fil-21 ta' Jannar 2015 a fol 152 et seq
[10]Dok A a fol 5

> "Il-partijiet jaqblu li l-ispejjez ta' l-edukazzjoni ta' binthom minuri, inkluz mizati ta' l-iskola, kontribuzzjonijiet, donazzjonijiet, trasport, privatijiet, 'summer school', spejjez ta' ezamijiet u attivitajiet extra-kurrikulari, uniformijiet u zraben ghandhom jithallsu kollha nofs b'nofs mir-ragel u mill-mara fuq debita ricevuta. Il-partijiet jiddikjaraw illi tali spejjez ghandhom isiru <u>wara li jintlahaq ftehim bejniethom dwar dawn l-istess spejjez</u>". [sottolinear tal-Qorti]

18. Mill-banda l-ohra, dwar spejjez ta' sahha tal-istess minuri, il-klawsola 7(f) tghid illi:

> "Il-partijiet jaqblu wkoll li l-ispejjez konnessi mas-sahha ta' l-istess bint minuri, kemm dawk ordinarji, kif ukoll dawk straordinarji, ghandhom jithallsu nofs b'nofs bejniethom fuq debita ricevuta".

19. Tirrizulta ghalhekk distinzjoni bejn dawk li huma spejjez medici, u dawk li huma spejjez edukattivi, fejn dawn tal-ahhar iridu jsiru biss wara li jkun hemm qbil *a priori* bejniethom. Jidher illi l-attrici ma tirrikonoxxix din id-distinzjoni u qed tippretendi l-hlas tal-ispejjez kollha minnha allegatament maghmula, b'dan illi r-rendikonti minnha ipprezentati jinkludu kemm l-ispejjez medici kif ukoll dawk edukattivi minghajr distinzjoni. Imiss ghalhekk illi jigi mistharreg jekk l-attrici rnexxiliex igib provi sufficjenti ta' dawn l-ispejjez sal-grad rikjest mill-ligi u, fil-kaz li jirrizulta li l-attrici rnexxilha tippruvahom, ikun imiss illi jigi mistharreg jekk effettivament kienx hemm ftehim bejn il-partijiet dwar l-ispejjez edukattivi qabel ma saru.

20. Mill-atti jirrizulta li l-attrici tistrieh fuq l-istatements u l-kopji tal-ircevuti ipprezentati minn missierha Emanuel Bezzina flimkien mal-

affidavit tieghu[11], kif ukoll fuq l-istatements ulterjuri u l-ircevuti annessi, pprezentati minnha.[12]

21. Fir-rigward tal-istatements ipprezentati minn missier l-attrici Emanuel Bezzina, il-Qorti tosserva li fl-affidavit tieghu dan jghid: "*...... nikkonferma illi l-bicca l-kbira ta' dawn l-ispejjez [saru] minni u minn marti. Qieghed nannetti hawn l-istatements ta' l-ispejjez li huma mmarkata bhala Dok A – Dok G*". Ghalhekk, jekk tali rendikonti jikkostitwixxu debitu, dan id-debitu huwa fil-konfront ta' terz li ma huwiex parti fil-kawza, li jfisser illi ghall-iskop tal-kawza odjerna, tali dokumenti ma jistghux jitqiesu bhala prova ta' kreditu favur l-attrici. *Res inter alios acta aliis nec nocet nec prodest* - salv id-dritt tat-terz li jagixxi *si et quatenus* permezz ta' gudizzju separat ghall-irkupru ta' kwalsiasi ammont dovut lilu.

22. Fir-rigward tar-rendikonti u l-kopji tal-ircevuti ipprezentati mill-attrici, din il-Qorti tosserva li fl-ewwel lok jidher illi, ghalkemm dawn isegwu d-dokumenti ipprezentati minn missierha Emanuel Bezzina, ma hemm ebda indikazzjoni ta' liema minn dawn l-ispejjez huma l-ispejjez imhallsa minnu u liema huma dawk imhallsa direttament mill-attrici. Fi kwalunkwe kaz, mill-atti ma jirrizultax li dawn ir-rendikonti gew konfermati bil-gurament mill-attrici u ghalhekk, m'ghandhux valur probatorju. Fid-dawl ta' dan, il-pretensjoni tal-attrici fil-konfront tal-konvenut rigwardanti dawn l-ispejjez,

[11] Fol.30 *et seq.*
[12] Fol.152 *et seq.*

in kwantu ibbazata fuq id-dokumenti ezebiti minnha ma tistax titqies bhala sodisfacentement provata.

23. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat limitatament u fis-sens li mhux minnu dak dikjarat mill-ewwel Qorti li jirrizulta li "l-konvenut hallas l-arretrati kollha minnu dovuti fil-mori tal-kawza", izda mhuwiex gustifikat inkwantu l-attrici ma rnexxielhiex tipprova li l-ammonti indikati fir-rendikont taghha huma dovuti lilha mill-konvenut.

*It-Tieni Aggravju*

24. Permezz ta' dan l-aggravju l-attrici tissottometti, inter alia, illi l-principju *pacta sunt servanda* japplika wkoll ghal dak li obbliga ruhu l-konvenut, u l-ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tieghu. Tghid li hija qed thallas l-ispejjez kollha tal-minuri u l-konvenut ma jridx jottempera ruhu mal-obbligi assunti minnu fil-kuntratt ta' separazzjoni. Tghid li huma ma jiftehmu fuq xejn u dan jista' jillimita l-hajja tal-minuri minhabba l-qaghdha finanzjarja taghha jekk il-konvenut jibqa' inadempjenti f'dawn l-obbligi.

25. Tghid li l-fatt li kien hemm qbil *a priori* rigward l-ispejjez u l-fatt li l-ispejjez maqbula bejniethom huma kwazi dejjem l-istess iwassal sabiex l-ammont li ghandu jigi inkorporat fil-manteniment jista' jigi facilment ikkalkolat mid-dokumenti minnha pprezentati. Tghid ukoll li, ghalkemm

wiehed jifhem li difficli tasal ghal somma ezatta, pero` l-Qorti tista' tasal ghal ammont li jinkludi fih dak li fil-kuntratt tas-separazzjoni l-konvenut obbliga ruhu li jhallas. Tissenjala li meta genitur jirrifjuta li jikkontribwixxi kemm finanzjarjament, kif ukoll b'atitudni abbuziva, il-Qorti ghandha tintervjeni.

*Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

26. It-tieni aggravju lmentat mill-attrici jirrigwarda c-cahda tal-ewwel Qorti li l-manteniment pagabbli mensilment mill-konvenut ghall-bzonnijiet ta' binthom minuri jkun jinkludi wkoll l-ispejjez edukattivi u ta' sahha in konnessjoni mal-istess minuri.

27. Issa, ghalkemm huwa minnu illi fl-interess suprem tal-minuri u ghal dak li jirrigwarda l-l-istess minuri pattwit f'kuntratt ta' separazzjoni personali, il-Qorti tista' tiddipartixxi mill-principju legali *pacta sunt servanda*, hemm pero' l-aspett prattiku kif sottolineat mill-ewwel Qorti, jigifieri li kemm l-ispejjez medici kif ukoll dawk in konnessjoni mal-edukazzjoni tal-minuri jistghu jvarjaw, probabbilment ivarjaw, minn zmien ghal zmien skont il-htigijiet, l-eta` u s-sitwazzjoni tal-istess minuri, u ghalhekk din il-Qorti ma hijiex konvinta li dak li qed titlob l-attrici fir-rigward ikun fl-ahjar interess taghha.

28. Barra minn hekk lanqas ma jirrizulta li n-nuqqas ta' qbil ta' bejn il-partijiet huwa xi zvilupp recenti, ghax mix-xhieda jirrizulta li l-animozita` bejniethom ilha ghaddejja snin inkluz iz-zmien li fih sar il-kuntratt tas-separazzjoni. Ghalhekk, il-fatt li l-partijiet ma jaqblu fuq xejn ma tistax tingieb mill-attrici bhala raguni valida u sufficjenti sabiex jigi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom.

29. Ferm il-premess, din il-Qorti tirritjeni opportuna l-osservazzjoni illi l-attrici naqset milli tindika l-ammont preciz, jew almenu approssimattiv, illi hija tippretendi illi ghandu jizdied mal-manteniment pagabbli mensilment mill-konvenut, sabiex ikopri wkoll l-ispejjez edukattivi u medici tat-tifla minuri. Ma huwiex bizzejjed illi fir-rikors tal-appell taghha l-attrici tissottometti illi "il-Qorti tista` tasal ghal ammont", jew li tali ammont jista' facilment jigi ikkalkolat. Il-piz tal-prova jinkombi fuq l-attrici sabiex abbazi ta' fatturi sostnuti bi provi certi u konkreti hija twassal lill-Qorti ghall-konvinciment morali dwar somma li tassew tkun tirrapprezenta l-bzonnijiet medici u edukattivi tal-minuri. Fin-nuqqas ta' tali provi, *imputet sibi*.

30. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti qeghdha tilqa' dan l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti

astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba stante li l-mertu gie sorvolat bil-hlas tal-arretrati fil-mori tal-kawza u, minflok, tichad l-istess talba.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez ta' dan l-appell huma a karigu tal-attrici.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb